# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta' Dicembru, 2018

**Rikors Numru : 338/2018 JPG**

**Kawza Numru : 26**

**YC**

**Vs**

**CD**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' YC, datat 25 ta' Lulju 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu nhar is-sitta u ghoxrin ta' April tas-sena elfejn u hamsa (26.04.2005) u miz-zwieg ma kienx hemm ulied;*

2. *Illi l-partijiet isseparaw definittivament permezz ta' kuntratt pubbliku in atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono tas-sebgha ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (07.10.2013) (Dok A anness);*

3. *Illi skont l-istess kuntratt, il-partijiet irrinunzjaw mid-dritt taghhom li jitolbu u jircievu manteniment minghand xulxin;*

4. *Illi bejn il-partijiet m'hemm l-ebda prospett raggonevoli ta' rikonciljazzjoni, anke l-ghaliex, huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

5. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66b tal-Kap, 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timpani huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan tal-ahhar jirregistra l-istess fic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet;*

*U dana taht kull provvediment iehor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**YC** xehed permezz ta' affidavit a fol 9 illi l-partijiet izzewgu fis-26 t'April 2005 u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Xehed illi l-partijiet sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 7 t'Ottubru 2013, u ilhom jghixu separatament minn dakinhar. Xehed illi l-partijiet kienu irrinunzjaw ghall-manteniment ta' xulxin, u illi m'hemm l-ebda tama illi l-partijiet jirrikonciljaw.

**CD** xehdet permezz ta' affidavit a fol 11 u kkonfermat ix-xhieda tar-rikorrent.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili ghal kaz in ezami senjatament:

> ***66A.** (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieġ illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]*
>
> ***66B.** * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*
>
> *(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*
>
> *(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*
>
> *(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*
>
> *Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]*

Il-Qorti rat jirrizulta illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 7 t'Ottubru 2013 fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono, debitament awtorizzat mill-Qorti, u ilhom jghixu separatament minn dak iz-zmien.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet peress illi l-partijiet kienu irrinunzjaw ghall-manteniment minghand xulxin.

Il-Qorti rat illi gie pruvat inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorenti irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**